MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 598/1993/1

**Anthony Zahra bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza ta' Alpine Holdings Ltd., u personalment.**

**Vs**

**Profs Ian Refalo nominat b'digriet tad-9 ta' Lulju, 1993, kuratur sabiex jirrapresenta lis-socjeta' esteri C.A. –3 Banken Venture Fonds A.G u C.A.–Consult Investitionprojektberatungs.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew li Alpine Holdings Limited u Bureaustark A.G. iffurmaw bejniethom socjeta' anonima Dragonara

Development Limited, debitament registrata mar-Registrar of Partnerships fl-14 ta' Frar 1990, f'liema socjeta' sussegwentament saru membri Imnaria Ventures Limited u C.A.–3 Banken Venture Fonds A.G. u C.A.–Consult Investitionprojektberatungs;

Premess illi bhala konsegwenza u in esercizzju tad-drittijiet specjali tal-azzjonijiet ("*guarantor shares*"), il-konvenuti C.A.–3 Banken Venture Fonds A.G. u C.A.-Consult Investitionprojektberatungs qed jallegaw li l-azzjonijiet tal-azzjonisti l-ohra, jigifieri l-atturi Alpine Holdings Limited u Bureaustark A.G. gew trasferiti favur taghhom u allura iddikjaraw li qed inehhu minn diretturi lill-attur Anthony Zahra u lil Dr. Peter Stark; Ing. Gerd Schmid; Yigal Lotan.

Premess illi fil-fatt qatt ma kien hemm, la skond l-istatut tas-socjeta' u l-anqas skond il-ligi trasferiment legalment validu ta' azzjonijiet kif jallegaw l-imsemmija konvenuti li ghalhekk ma kellhom qatt xi dritt li jirrimuovu diretturi mill-Board;

Premess illi b'dana kollu gew prezentati lir-Registrar of Partnerhips – notifikazzjoni (Form "K") u Annual General Return li jiddikjaraw dawn l-allegati trasferimenti u rimozzjoni ta' diretturi;

U premess illi l-atturi ghandhom interess li dawn l-allegati trasferimenti u rimozzjonijiet jigu dikjarati llegali:

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. qatt ma kien hemm favur il-konvenuti C.A.-3 Banken Venture Fonds A.G. u C.A.-Consult Investitionprojektberatungs trasferiment, jew trasferimenti, tal-azzjonijiet tas-socjeta' Dragonara Development Ltd tal-attur Anthony Zahra noe u ta' Bureaustark A.G. kif jippretendu u jallegaw l-istess konvenuti u dana imhabba nuqqas ta' osservanza tal-istatut tas-socjeta' u tal-esigenzi tal-ligi (principalment l-artikolu 103 tal-Kapitolu 168);

2. l-attur Anthony Zahra u Dr. Peter Stark ; Ing Gerg Schmid; Yigal Lotan; qatt ma spiccaw minn diretturi tal-imsemmija socjeta’ billi qatt ma irrizenjaw u l-allegata rimozzjoni taghhom kienet u hija irregolari u llegali;

3. konsegwentement l-attur Alpine Holdings Limited u Bureaustark A.G. baqghu u ghadhom azzjonisti tal-imsemmija socjeta’: u

4. l-attur Anthony Zahra u Dr. Peter Stark ; Ing. Gerd Schmid; Yigal Lotan; baqghu u ghadhom diretturi tal-imsemmija socjeta’ .

Bl-ispejjez

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** noe a fol. 64 tal-process fejn eccepixxa:

1. In-nullita’ tac-citazzjoni stante

(a) L-assenza ta’ persuni (fisici jew legali) li m’humiex parti f’din il-kawza imma li dwarhom lt-talbiet tal-attur jirriferrixxu;
(b) In-nuqqas ta’ kawzali bhala bazi ta’ c-citazzjoni.

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju tal-ewwel eccezzjoni, l-attur ghandu qabel xejn jipprova l-interess tieghu fid-domandi li qed jaghmel.

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju tal-ewwel eccezzjonijiet precedenti, fil-meritu, il-validita’ u legalita’ tar-rimozzjoni tad-diretturi u tat-trasferiment tal-ishma in kwistjoni, li saru fit-termini u skond l-artikoli u l-istatut tas-socjeta’. Ir-rimozzjoni tad-diretturi mis-socjeta’ ma kienitx dipendenti mill-validita’ tat-trasferiment tal-ishma imma min-nuqqas ta’ kancellament tal-garanziji mahrugin mill-

konvenut noe. li ta lok sabiex l-ishma tal-konvenut noe. ikollhom id-dritt li jirrimwovu l-istess diretturi.
4. Il-kunsens u awtorizzazzjoni tal-attur stess ghall-arrangamenti kollha li saru dwar l-ishma u d-diretturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Sentenza Preliminari**

Permezz ta' sentenza tat-23 ta' Gunju, 1994 gew michuda l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut nomine.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Fatti**

L-attur pro et nomine kien direttur u azzjonista fis-socjeta' Dragonara Development Limited (DDL). L-azzjonisti l-ohra ta' din-il-kumpanija kienu Peter Stark u Joe Abela. DDL offriet biex tixtri il-kumpless tad-Dragonara f'San Giljan minghand il-MIMCOL u talbet lil Bank Awstrijak, Creditanstalt Bankwerein self '*short term*' ta' madwar erba' miljun lira Maltin sabiex jithallas il-prezz tal-propjeta' u jsiru l-preparamenti teknici.

Dr. Max Ganado fl-affidavit tieghu li jinsab inserit a fol. 437 et seq. tal-process jispjega li "dan il-finanzjament kien insolitu ghall-inqas f'Malta, fis-sens li kien '*short term bridge finance'*, jigifieri kien self li ma kienx ser iservi biex jiffinanzja l-progett pero' kien bizzejjed biex tinxtara l-hotel u l-art u jsiru studji u pjanijiet ohra sabiex DDL tkun f'qaghda li tottjeni facilitajiet finanzjarji fit-tul billi turi progett imhejji u pjanat sew, b'tali mod li l-Bank jkun jista' jilhaq '*credit decision*' abbazi tal-pjanti u '*projections*". Dan ix-xhud spjega wkoll li dan it-tip ta' progett jissejjah

'*project finance'* u li l-validita' tal-istess progett tkun l-unika kawtela tal-Bank li qed jiffinanzja l-pjan. Huwa qal ukoll li l-pjan kien li l-'*bridge finance*' tal-bank Awstrijak jigi sostitwit u mhallas permess ta' self akbar li jkun fit-tul u tal-istess tip "ghax il-promoturi tal-progett propost ma kellhomx kapital ghall-progett, izda kienu lesti li jaghtu l-progett '*lock stock and barrel*' lil xi Bank jew finanzjatur bhala kawtela".

L-attur pro et nomine u l-azzjonisti l-ohra ma taw ebda kawtela ghar-rifuzjoni tas-self u l-imghax hlief il-progett innifsu u l-propjeta'. Il-progett kien bazat fuq kuntratt ta' enfitewsi temporanja b'obbligi specifici ta' benefikati ta' Lm6,000,000 u termini stretti ghal obbligi ohra, b'penalitajiet inkluzi dak ta' xoljiment tat-titolu minghajr kumpens. Minhabba r-riskju inerenti fis-self, liema riskju kien ser jittiehed esklussivament mill-Bank, sar ftehim dettaljat bejn DDL u l-istess Bank fejn inhargu klassi ta' ishma msejjha '*Guarantor Shares*' lil zewg sussidjarji tal-Bank Awstrijak, u cioe' lis-zewg konvenuti, liema konvenuti hargu garanziji lill-Bank ghall-obbligi kolha. Il-ftehim kien li jekk DDL ma thallasx lura lill-Bank b'tali mod li l-garanziji jigu kancellati, allura s-socjetajiet sussidjarji tal-Bank, u cioe' il-konvenuti, setghu ibiddlu lid-diretturi tas-socjeta', ikollhom id-dritt tal-vot esklussivament, u jekk jidrilhom xiereq jakkwistaw l-ishma minghand l-azzjonisti l-ohrajn ghall-prezz tan- '*nominal paid up value*' tal-ishma.

Din l-istruttura kienet necessarja minhabba li nuqqas ta' finanzjament fit-tul kien ifisser kollass tal-progett u riskju kbir ta' xoljiment tal-enfitewsi. Abbazi tal-ftehim milhuq bejn il-promoturi tal-progett u l-Bank saru emendi fl-istatut ta' DDL fis-sens illi l-artikolu 6.4.2 intitolat '*Deferred Rights*' kien jipprovdi li:-

"*On or after the fifteenth of April 1991, upon notice in writing to the company (given at any time even before the said date) which shall be obliged to notify the members, the Guarantor Shares shall enjoy exclusively:*

*4.2.1 The right to remove and appoint directors to the exclusion of the Ordinary "A" Shareholders". This right is exercisable by means of a letter to the director being*

*removed and/or appointed, a copy of which shall be sent to the Company, without the necessity of any other formality or procedure.*
*4.2.2 The right to vote any general meeting of the company to the exclusion of the Ordinary "B" Shareholders.*
4.2.3. *The right to receive dividends and to participate in the capital of the Company in the event of a winding up, to the exclusion of the Participating Non Voting Shares.*

*Provided that all the rights pertaining to the Guarantor Shareholders granted in virtue of the said sub clause shall only accrue upon the payment by the holders of the Guarantor Shares of the nominal paid up value of all the other shares in the Company to the holders of such other shares, whereupon the holders of such other shares shall be bound, on the demand of the holders of the Guarantor Shares to transfer such other shares to the said Guarantor Shareholders.*

*Should the other shareholders fail to receive the said payment, the sum payable shall be deposited in Court and this deposit shall have the same effect as payment".*

Dawn l-emendi fl-istatut gew accettati mill-azzjonisti kollha ta' DDL, inkluz l-attur nomine.

Mill-provi rrizulta li dawn id-drittijet specifici moghtija lill-konvenuti bhala propjetarji tal-'*guarantor shares*', gew in vigore '*ipso iure*' fis-27 ta' April 1991 u s-socjeta' inghatat id-debitu avviz dwar dan fid-29 ta' April, 1991 skond ma jirrizulta mid-dokumenti esebiti a fol. 71 u 72. Fid-29 ta' April 1991 il-konvenuti nehhew lill-attur proprio minn direttur skond ma jirrizulta mid-dokument esebit a fol. 73 u gew nominati persuni differenti. Fl-istess data l-konvenuti talbu lill-attur nomine u lill-azzjonisti l-ohra sabiex jittrasferulhom l-azzjonijiet taghhom skond l-istatut skond ma jidher mid-dokument a fol. 78. Ghall-inkontru ffissat f'dan l-ahhar dokument Peter Stark ma attendix, l-azzjonist l-iehor Joe Abela attenda u ffirma s-'*Share Transfer*' filwaqt li l-attur attenda izda nforma lill-konvenuti li huwa ma setghax jiffirma t-trasferiment tal-ishma peress

li kien biegh l-ishma tieghu lil Stark u dan tal-ahhar ma kienx hallsu l-prezz ta' dawn l-ishma u huwa ghalhekk kien istitwixxa proceduri kontrih l-Awstrija sabiex jithallas il-prezz ta' dawn is-'*shares'*. Ir-rapprezentanti tal-konvenuti prezenti ghal dan l-inkontru xehdu f'dawn il-proceduri u spjegaw li l-attur kien talab sabiex ikellimhom privatament u kien accetta li jikkopera jekk il-konvenuti jhallsuh prezz ghola min-'*nominal value'* ta' dawn l-ishma izda huma kienu rrifjutaw din il-proposta.

Il-Bord tad-Diretturi ta' DDL bhala agent tal-attur nomine u ta' Peter Stark awtorizza lil Dr. Max Ganado biex jiffirma t-trasferiment tal-ishma tal-attur nomine u ta' Peter Stark favur il-konvenuti wara li tigi depozitata fil-Qorti s-somma ekwivalenti ghan-'*nominal value'* ta' dawn l-ishma. Din is-somma giet fil-fatt hekk depozitata fit-2 ta' Mejju, 1991 (a fol. 80) u sussegwentement sar it-trasferiment tal-ishma favur il-konvenuti, liema trasferiment gie awtorizzat mill-Bank Centrali u thallas fuqu l-boll skond il-ligi. Id-dokumenti originali gew konsenjati lis-Segretarju tas-socjeta' u t-trasferimenti gew registrati. Is-socjeta' mbaghad ikkancellat is-'*Share Certificates*' tal-azzjonisti antiki, fosthom dak tal-attur nomine, u harget certifikati godda favur il-konvenuti.

**Tikkunsidra**

**Atti illegali u frawdolenti**

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attur pro et nomine qed jattakka l-ezercizzju ta' dawn id-drittijiet da parti tal-konvenuti stante li jallega li l-ezercizzju ta' dawn id-drittijiet huwa mcappas b'atti illegali u frawdolenti u konsegwentement qed jitlob li t-tnehhija tieghu minn direttur u t-trasferiment tal-ishma tieghu favur il-konvenuti jigu dikjarati nulli u bla effett.

L-attur fil-fatt jallega li Creditanstalt (il-Bank) ippermetta li jsir '*drawdown*' mis-self lil DDL b'mod frawdolenti u illecitu. Jrid jigi rilevat li l-attur pro et nomine ma ressaq ebda prova in sostenn ta' dak allegat minnu. L-unika prova mressqa minnu fil-fatt hija l-affidavit tieghu stess fejn

huwa jiccita xhieda moghtija minn Herbert Werner fi proceduri li huwa (cioe' l-attur) jallega li ttiehdu kontra Peter Stark l-Awstrija. Irid jinghad li l-attur esebixxa traduzzjoni awtentikata ta' din ix-xhieda izda naqas milli jesibixxi kopji ta' dawn il-proceduri gudizzjarji fejn huwa jallega li xehed dan Werner u kkonferma li huwa kien thallas parti mill-flus formanti parti mis-self moghti lil DDL. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur isostni li dawn l-atti illeciti u frawdolenti jirrizultaw mix-xhieda prodotti mill-konvenuti stess u cioe' mix-xhieda ta' Ralph Kinhirt li huwa Project Finance Manager ma' Creitanstalt u minn Armin Wernisch li huwa Assistant General Manager mal-imsemmi Bank.

Fil-fehma tal-Qortii kull ma jirrizulta mix-xhieda moghtija minn dawn iz-zewg impjegati tal-bank huwa li saru nvestigazzjonijiet interni mill-Bank fil-konfronti ta' certu Werner li kien impjegat tal-Bank stante li rrizulta li dan tal-ahhar kien thallas parti mill-flus li ttiehdu fir-raba' '*drawdown'* imhallas mill-Bank u formanti parti mis-self li nghata lil DDL. Mix-xhieda ta' Ralph Kinhirt fil-fatt irrizulta li saru erba' *drawdowns* u li "*all the drawdowns under the loan were made in accordance with the Loan Agreement. I should point out that under clause 3 (b) of the loan agreement, as well as Exhibit A to it, drawdowns were made upon a notice of drawdown signed by the representatives of the Borrower. Such drawdown requests had to be accompanied by the respective invoice. Two directors of the Company were authorised to give the Bank these instructions and drawdown notices were given for all and every drawdown by the Borrowers*". Ir-raba' '*drawdown'* sar lil Bureastark Liberia u kien debitament akkompanjat minn fattura mahruga minn din is-socjeta' lil DDL. Id-'*drawdown notice'* kien ifirmat minn zewg diretturi ta' DDL, Peter Stark u Scmid, u l-Bank qabbel dawn il-firem ma li-'*specimen signatures*' li kellu fil-pussess tieghu u wara li talab xi nformazzjoni addizzjonali awtorizza l-pagament kif mitlub minn DDL. L-attur noe kien gie infurmat b'din ir-raba *drawdown* (ara Dok RK 9 a fol. 358).

L-attur jallega li kien hemm kolluzjoni bejn il-Bank u Stark a detriment ta’ DDL in kwantu jirrigwarda dan d-‘*drawdown’*. Il-Qorti jidrilha li l-attur ma rnexxilux jipprova li kien hemm din il-kolluzjoni bejn il-Bank u Stark. Kull ma rrizulta mix-xhieda ta’ Kinhirt u f’dawn il-proceduri u mill-estratt tax-xhieda ta’ Werner fil-proceduri fl-Awstrija u prodotta mill-attur fil-proceduri odjerni, hija li kien hemm kolluzjoni bejn Werner u Stark. Huwa veru li dan Werner kien ufficjal gholi tal-Bank izda f’din ic-cirkostanza kull ma jirrizulta huwa li dan kien sfrutta din il-posizzjoni gholja li kellu fil-Bank sabiex jibbenefika personalment a detriment tal-Bank u ta’ DDL. L-attur ma rnexxielux jipprova xi irregolarita’ da parti tal-Bank, anzi mill-provi jirrizulta li l-Bank agixxa b’mod trasparenti f’dawn ic-cirkostanzi billi ghamel l-investigazzjonijiet necessarji u abbazi ta’ dak li rrizultalu kecca lil Werner mill-impjieg tieghu u gieghel lil dan Werner jaghti lura l-flus minnu mehuda, liema flus reggghu gew depozitati fil-kont ta’ DDL.

**Dekadenza mill-obbligi assunti minn DDL**

Fi kwalunkwe kaz mill-provi jirrizulta sodisfacentement li l-ezercizzju tad-drittijiet tal-konvenuti qua ‘*guarantor shareholders’* kien kondizzjonat biss fuq in-nuqqas ta’ kancellament tal-garanziji entro l-5 ta’ April, 1991, u cioe’ d-data ndikata fl-Artikolu 6.4.2 tal-Istatut ta’ DDL aktar il-fuq citat. Jidher li f’dan il-perijodu kien hemm disgwid serju bejn l-azzjonisti taghha u kien hemm inosservanza assoluta tal-kundizzjonijiet ta’ self u deher car li l-iskop tal-progett, u cioe’ dak li jinstab ‘*long term finance*’ ma setghax jintlahaq. Id-DDL kienu gew infurmati li ma kienux qed josservaw il-kondizzjonijiet (ara Dok RK 12 a fol. 373).

Jidher ghalhekk li l-konvenuti kienu pjenament intitolati li jezercitaw id-‘*deferred rights’* spettanti lilhom skond l-istatut u li dan l-ezercizzju ma kienx kundizzzjonat mir-raba’ ‘*drawdown’* maghmula minn DDL kif qed jallega l-attur, izda mill-fat li DDL kienet iddekadiet mill-obbligi assunti minnha permezz tal-kuntratt ta’ self ma’ Creditanstalt u li konsegwentement il-Bank permezz tas-sussidjarji tieghu, kien intitolat, skond dak li jipprovdi l-

istatut tal-kumpanija li jiehu l-passi kollha necessarji sabiex jikkawtela d-drittjiet tieghu. Dr. M. Ganado mexa u ha passi f'dana l-ambitu u skond kif kien gie provvdut fl-istatut.

Inoltre il-konvenuti rnexxilhom juru permezz tal-produzzjoni ta' estratt minn sentenza tal-Qrati Awstrijaki, liema sentenza jidher li ghaddiet in gudikat (esebita man-nota ta' sottomissjonijet tal-konvenuti) li d-dewmien fl-ezekuzzjoni tal-progett ghall-izvilupp tad-Dragonara ma kienx imputabbli lill-Bank. F'din is-sentenza jinghad is-segwenti:-

"*Regarding the project, Dragonara Palace in Malta no proof was given that the plaintiff was liable for the project's delay. Dr. Stark's testimony alone does not justify such a finding in any way. Moreover the submitted documents show that the reasons for the delay were rather in DDL's and Dr. Stark's (as representative of Bureaustark AG) scope. The Court refers to a letter by Mr. Zahra (Alpine Holdings Ltd (Attachment JL) in which the latter expresses his disappointment about DDL's unusual method to work.* (sottolinear ta' dina l-Qorti). *The testimony of Mag. Alfred Groib and Mag. Ralph Kienhirt give further proof that the reasons for the delay were not within the plaintiff's (Il-Bank) scope."*

Fi kwalunkwe kaz irid jigi enfasizzat li l-attur pro et nomine kien espressament awtorizza l-agir tal-konvenuti, u cioe' l-ezercizzju tad-*deferred rights*, fil-mument li huwa obbliga ruhu li jimxi skond l-istatut tal-kumpanija (vide dokument a fol. 76) u fil-mument li huwa bhala direttur ceda d-drittijiet tieghu kif kontemplati fl-Artikolu 23 tal-Commercial Partnerships Ordinance ( ara dokument a fol. 77).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talbiet attrici
bl-ispejjez kontra taghhom;

L-ispejjez ta’ l-ewwel zewg eccezzjonijiet ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------